MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1264/2010

**Dottor Silvana Zammit LL.D (K.I. 153882M)**
**bhala mandatarja specjali ta' l-imsiefra**
**Susan Huggins ( Passaport Brittaniku numru 652625771)**
**Vs**
**Paul Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici talbet hlas ta' elf, mija erbgha w sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) rapprezentanti depozitu li hija kienet ghamlet izda l-konvenut irrifjuta li jaghtihulha minghajr ebda raguni valida fil-ligi meta hija talbet lura dan id-depozitu maghmul minnha.

Illi fi Frar, 2007 hija kienet ordnat xi ghamara minn ghand il-konvenut gewwa n-negozju tieghu: *Paul Fenech Woodworks*, sitwat f' 'Mountisa Garage', Fort Road Mosta;

Illi l-istima totali ghax-xoghol ordnat minn Huggins kien ta' €3,4494.06. Illi ma l-ordni hija hallset l-ammont tat-talba bhala depozitu u l-konvneut intrabat li jikkonsenja ix-xoghol ta' Huggins bejn is-26 ta' Marzu, 2007 u l-31 ta' Marzu, 2007.

Illi effettivament l-intimat naqas mill-obbligu tieghu u qatt ma kkonsenja x-xoghol lil Huggins.

Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont fuq imsemmi fosthom permezz ta' ittra legali huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz dik ta' l-ittra legali datata 5 ta' Mejju, 2009 u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax r-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-18 ta' Ottubru, 2010 mill-Avukat Dr Anton John Mifsud u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba bl-ispejjez u interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------